MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2009

Numru. 453/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**

**vs**

**Malcolm Pace**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Malcolm Pace ta' 45 sena bin Cecil u Marionne nee' Arrigo, imwieled Sliema, nhar it-23 ta' Lulju 1954 u residenti fil-fond numru 167, The Dreaming House, Triq il-Hena, Mellieha u/jew 13/15 Marina Court, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex u detentur tal-karta tal-identita' numru 596654(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

a) Nhar it-13 ta' Mejju 2005, ghal habta tad-9.00 ta' filghodu gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Qawra, ngurja jew

hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' WPS 102 Ruth Magri u PC478 Neville Mercieca bhala ufficcjali inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu ghamlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz ai termini tal-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali Kap. 9.

b) Fl-istess hin, data u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' WPS 102 Ruth Magri u PC 478 Neville Mercieca wegghu bi kliem, b' gesti, b' kitba, b' figuri jew b' disinji mxandra jew esposti fil-pubbliku u dan kollu bi ksur ta' l-Artikolu 252 (1) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Fl-istess jum naqas meta u wara li gie mitlub bil-fomm sabiex minn jheddu jigi l-ghassa tal-Pulizija u dan ghal xi ghann imsemmi fis-subartikolu 3 tal-artikolu 355 (a) (d) naqas milli jigi l-Ghassa tal-Pulizija kif mehtieg.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta' Mejju 2005 (esebit a fol. 13 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2005 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda akkuzi ta' ingurji jew theddid kontra ufficjal pubbliku (reat kontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) kif ukoll ir-reat ta' ingurja kontemplat fl-Artikolu 252 u l-kontravenzjoni kontemplata fl-Artikolu 355 AD fejn persuna li tkun giet ordnata li tmur l-Ghassa tal-Pulizija tonqos milli taghmel dan. Il-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-13 ta' Mejju

2006 ghall-habta tad-9.00 ta’ filghodu l-imputat mar l-Ghassa tal-Qawra sabiex jivverifika dwar xi riferti li kellhom jigu mqassma lil martu. Mix-xhieda ta WPS 102 Ruth Magro (xhieda inserita a fol. 14 sa 16 tal-process) kif ukoll mix-xhieda ta’ PC 478 Neville Mercieca (xhieda relattiva inserita a fol. 17 sa 19 tal-process u mix-xhieda ta’ WPC 213 Janet Grima (xhieda relattiva inserita a fol. 20 sa 21 tal-process) jirrizulta li l-imputat staqsa jekk martu kinitx giet notifikata ghal xi kawzi li kellhom pendenti bejniethom fis-seduta tad-distrett tal-Qawra u meta WPS 102 u PC 478 bdew jispjegawlu il-mod kif jitqassmu ir-riferti tal-Mellieha huwa beda jakkuzhom li kienu komplici ma’ martu, beda jghidilhom li huma ma kienux qed jaghmlu dmirhom u jimminaccjhom li kien ser jirrapurthom lil Kummissarju tal-Pulizija u dana kien wara li huma spjegawlu li huma ma kienux responsabbli mit-tqassim tar-riferti. Dawn iz-zewg membri tal-korp tal-Pulizija ghamlu rapport dwar dak li kien gara lis-superjur taghhom l-Ispettur Josric Mifsud u ghall-habta tas-siegha ta’ wara nofsinhar tal-istess gurnata dan cempel lill-imputat u talbu imur l-Ghassa fil-hamsa ta’ wara nofsinhar sabiex ikellmu dwar dak li kien gara dakinhar stess filghodu. Mix-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud jirrizulta li ghall-habta tal-erbgha ta’ wara nofsinhar tal-istess gurnata cemplet l-Ghassa mart l-imputat u infurmat lill-Ispettur li zewgha kien qed isegwiha bil-vettura tieghu u wara regghat cemplet u qaltlu li hija kienet qed tistenna sabiex titla fuq il-vapur t’Ghawdex mic-Cirkewwa u li zewgha kien qed jistenna warajha fil-queue. L-Ispettur Josric Mifsud baghat zewg Pulizija sabiex jikkonfermaw din l-informazzjoni u meta dawn cemplulu u qalulu li l-imputat kien qed jistenna sabiex jitla’ fuq il-vapur huwa taghhom ordni sabiex igibuh l-Ghassa. L-Ispettur Mifsud jispjega li huwa ta’ din l-ordni peress li meta cemplulu l-Pulizija kienu l-4.30pm u l-imputat suppost kellu appuntament mieghu l-Ghassa fil-5.00pm.

L-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri (xhieda relattiva inserita a fol. 49 sa 60 tal-process) fejn huwa spjega li fil-gurnata in kwistjoni kien mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Qawra fil-konfronti ta’ martu u waqt li kien hemm PC 478 innotifikah b’xi kawzi li kienet ghamlet

martu fil-konfronti tieghu u huwa staqsa lil PC 478 u lil WPS 102 x'kienet ir-raguni li lil martu ma kienux qed jinnotifikawha u huma rrispondewh li ma kienux responsabbli mit-tqassim tar-riferti ghall-Mellieha u huwa qalilhom li b'dan il-mod kienu qed jghinu lil martu. Dwar l-appuntament fl-Ghassa tal-Qawra l-imputat isostni li l-appuntament kien fis-7.00pm, u mhux fil-5.00pm kif qed jghid l-Ispettur Josric Mifsud.

Il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz tiddikjara m'ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilta' tal-Ispettur Josric Mifsud, WPS 102, PC 478 u WPC 213 dwar dak li effettivament gara fit-13 ta' Mejju 2005 u filwaqt li l-Qorti tifhem li l-imputat seta' kien urtat li kien hemm okkazzjonijiet fejn martu ma kienitx qed tigi notifikata fil-varji kawzi li kellhom pendenti l-Qorti bejniethom, jidrilha li din m'hijiex gustifikazzjoni sabiex jallega li WPS 102 u PC 478 kienu komplici ma' martu specjalment meta wiehed jikkunsidra li dawn kienu qed jaqdu dmirhom u li huma nfurmawh li ma kienux huma l-persuni responsabbli ghat-tqassim tar-riferti tal-Mellieha.

Il-Qorti jidrilha li l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tal-imputat gew pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni izda jidrilha wkoll li t-tieni (2) akkuza tista' titqies li hija assorbita fl-ewwel (1) akkuza.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat kif ukoll ic-cirkostanzi partikolari li kien ghaddej minnhom l-istess imputat fiz-zmien in kwistjoni u jidrilha li ghandha timponi piena pekunjarja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 252, 95 u 355AD tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta' mitt(€100) Ewro.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------